

NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Mejju – Ġunju 2002

Nru 126


## ❑ Messaġġ mill-Arċipriet

*Ix-xahar ta' April kien wieħed importanti għall-Parroċċa tagħna. Dan għaliex fih meddejna bosta passi kbar fil-ħidma tagħna sabiex ikollna Ċentru Parrokkjali li jkun ta' għajnuna għall-ħidmiet pastorali fid-dinja moderna. Issa l-bini kważi tlesta għal kollox. Fadal biss xi ftit xogħlijiet 'l hawn u 'l hemm. Fit-23 ta' April, rajna wkoll l-ewwel ġebla tal-kappella l-ġdida titqiegħed b'solennita' minn Monsinjur Isqof Nikol Cauchi. F'din iċ-ċelebrazzjoni, li għaliha attendew folol kbar ta' nies, l-Isqof kien mgħejjun b'mod partikolari mill-Arċipriet Emeritus Mons Salv Borg li poġġa l-parċmina u xi tifkiriet sagri fil-ġebla ewlenija, waqt li jiena qrajt id-dokument tad-dedikazzjoni. Il-kappella l-ġdida, infatti, se tkun dedikata lis-Santissimu Kuċifiss, lis-Santissimu Sagrament u lill-Ħniena Divina. Dawn huma tliet devozzjonijiet li huma lkoll ċentrati fi Kristu, il-Feddej tagħna.*

*Sabiex timbena din il-kappella ma tistax tonqos l-għajnuna ta' kulħadd. Kulħadd jista' jgħin mill-aħjar li jista'. Iżda, sabiex nagħtu opportunita' lil min jista' jgħin b'kontribuzzjoni kbira, nidejna skema ta' għotjiet ta' Lm1000. Tkun ħaġa sabieħa u ta' għajnuna kbira jekk, dawk li jistgħu, joffru elf lira bħala individwi jew bħala gruppi familjari.*

*B'turija ta' ħajr, isimhom (jew isem il-mejtin tagħhom) jitnaqqax fi skizzjoni ta' rħam biex min jaraha jitlob għall-benefatturi speċjali tal-kappella. Iżda, aktar importanti huma l-benefiċċji spiritwali. Dawn jikkonsistu f'quddiesa li ssir kull 23 tax-xahar, sehem mill-quddies kollu li jitqaddes fil-kappella u talb li ta' kull jum isir għall-benefatturi tal-Parroċċa.*

*It-tama tagħna hi li l-kappella ma ddumx ma titla' sabiex tkun għamara xierqa għall-Ewkaristija Mqaddsa u mkien ta' ġabra għat-talb tagħna, quddiem ix-xbieha devota ta' Ġesù Imsallab, sabiex il-Ħniena Divina tmiss 'l qalbna u qalb il-midimbin kollha.*

*Mons. Ġużeppi Farrugia*

## Il-Parroċċa ta' San Ġorġ Tifraħ lill-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca f'Għeluq il-50 Sena Tiegħu ta' Saċerdozju



Mons. Ġużeppi Mercieca twieled fil-Belt Victoria nhar it-12 ta' Novembru 1928 u tgħammed minn zijuh Dun Anton Mercieca fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fl-14 ta' l-istess xahar. L-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof irċevihom fl-istess knisja parrokkjali mill-Isqof Mikiel Gonzi fis-6 ta' Ġunju 1935. Wara l-istudji li għamel fis-Seminarju ġie ordnat saċerdot fit-8 ta' Marzu 1952. Fil-50 sena ta' saċerdozju għamel bosta hidmiet kemm fid-djoċesi ta' Għawdex kif ukoll fis-Santa Sede sakemm fid-29 ta' Settembru 1974 ġie ordnat Isqof Titulari ta' Gemelle fin-Numidja, u sar Awżiljarju ta' Mons Gonzi u Vigarju Ġenerali ta' Malta. Fl-1976 ġie nominat Arċisqof ta' Malta u fit-12 ta' Diċembru ta' l-istess sena ħa l-pussess tad-djoċesi Maltija. Mons Arċisqof Mercieca serva lill-Knisja bħala Rettur tas-Seminarju ta' Għawdex, Konsultur tas-Sagra Romana Rota u Imħallef tas-Segnatura Apostolika.

***Nixtiequ lill-Mons Arċisqof Mercieca AD MULTOS ANNOS.***




# IL-BELT VICTORIA

*Rivista ta' kull Xahrejn*





*Uffiċċju Editorjali:* **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
E-mail: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg


### MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI

14.04.02:
**LYNDZIE,** bint Eucharist Farrugia u Janette nee' Attard
21.04.02:
**DEBORAH**, bint George J. Cassar u Rita' nee' Attard
19.05.02:
**CHRISTIAN,** iben Louis Attard u Maria nee' Zammit
19.05.02:
**JAKE,** iben Joseph Attard u Fleur Griscti

### INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

**06.04.02:** Peter Paul Borg u Markita Rapa
**20.04.02:** Aldo Zammit u Michelle Caruana
**24.05.02:** George A. Grech u Mary Josette Portelli

### MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

23.04.02: George Saliba
24.04.02: Ġużeppa Gauci
29.04.02: Anton Cremona
08.05.02: Mary Dimech

***Donozzjonijiet għar-Rivista***

*Grazzi*

| | |
|---|---|
| Fr. Anthony Mercieca: | 100 US$ |
| Joseph Galea: | Lm5 |
| Joesph Pace *(Hamrun)* | Lm10 |
| George Grech | 20 Can$ |

## *Nifirħu*

lil **TONIO GALEA** li nhar il-Ġimgħa 24 ta' Mejju 2002 ġie ordnat Djkanu.

lil **FRANCESO PIO ATTARD** li ġie l-ewwel fil-Matrikola tal-Malti fost l-istudenti Maltin u Għawdxin kollha




**Isma' Leħen il-Parroċċa fuq Radju LEĦEN IL-BELT VICTORIA**

**104** *FM Stereo*


# *Editorjal*

## NITĦEJJEW KIF JIXRAQ

Nhar il-Ħamis 16 ta' Mejju bdew id-Disa' Ħamisijiet bi tħejjija għall-festa ta' San Ġorġ li niċċelebraw bil-kbir nhar il-Ħadd 21 ta' Lulju li ġej.

Tajjeb li niftakru li l-festi li aħna niċċelebraw m'għamdhomx ikunu biss mumenti ta' ferħ, imma wkoll okkażjoni li tagħtina ċans nirriflettu ftit iktar fil-fond mis-soltu dwar il-kobor u l-qdusija tal-patrun tagħna San Ġorġ. U dan biex matul ħajjitna nimitawh billi ngħixu ħajja nisranija verament awtentika.

Il-preparazzjoni spiritwali għall-festa titulari hija ferm meħtieġa jekk irridu li l-festi tagħna jkompli jkollhom dawk il-valuri li għalihom jiġu ċċelebrati. Jekk wieħed jaqra d-dokument approvat mis-Segreterija tas-Sinodu Djoċesan fl-14 ta' Ottubru 1992 dwar is-Sens Nisrani tal-Festi, jinduna mill-bidu nett li hemm bżonn noqgħodu ferm attenti li ma nħallux il-mewġa ta' sekulariżmu li dieħla, jew ġa qiegħdha magħna, ittemm jew lġġib fix-xejn il-valuri reliġjużi tal-festi tagħna.

## MATUL IS-SAJF

Is-sajf jinsab wara l-bieb. Fil-Parroċċa tagħna ġa bdejna nisimgħu l-avviżi biex nilbsu kif jixraq meta nkunu sejrin il-Knisja. Donnu dieħla l-mentalita' li kollox jgħodd u xejn m'hu xejn. Bl-iskuża tas-sħana jew bl-iskuża għax qiegħdin f'ħarġa nippretendu li nidħlu fil-knejjes tagħna b'ilbies xejn xieraq.

Nafu li għandna membri tal-Komunita' Parrokkjali li matul is-sajf ikunu preżenti fil-Bażilika biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm min jabbuża. Pero' irridu nibdew aħna wkoll u ma nippretendux li għax aħna minn hawn nistgħu nabbużaw. Jekk nagħmlu hekk inkunu qed nagħtu eżempju ħażin lil ħaddieħor u ma nistgħux imbagħad nippretendu li l-barranin li jiġu jżuruna jilbsu aħjar minna. Il-knisja huwa post qaddis u jixraqlu rispett f'kull u f'kull żmien.

## Tfal Bniet li rċivew l-Ewwel Tqarbina nhar it-Tlieta 30 ta' April 2002



ATTARD Stacy, AZZOPARDI Nicole, BORG Amy, BUTTIGIEG Cheryl, CACHIA Marija Marta, CASSAR Miriana, CAMILLERI Chiara, CURMI Caroline, FARRUGIA Maureen, FORMOSA Antida, FORMOSA Ylenia, GALEA Marisa, GAMBIN Graziella, MUSCAT Francesca, MUSCAT Ylenia, PISANI Maria, SALIBA Claire, SCICLUNA Joanne, SCICLUNA Maria, THEUMA Joanna.

## Tfal Subien li rċivew l-Ewwel Tqarbina nhar it-Tlieta 30 ta' April 2002



ATTARD George, ATTARD Manuel, BAJADA Davd, CASSAR Samwel, CAUCHI Christopher, FARRUGIA Andrew, FORMOSA Christian, FORMOSA Luke, GALEA Jeremy, GAMBIN Peter Paul, GATT Carm, MICALLEF Alastair, MICALLEF Felic, MIZZI Josef, PACE Jason, SALIBA Matthew, SCICLUNA Nicholas, SILLATO Samuel.

## Bniet li rċivew il-Griżma ta' l-Isqof nhar il-Ħamis 2 ta' Mejju 2002



AGUIS Philippa, ATTARD Judie, ATTARD Francesca, ATTARD Raissa, AZZOPARDI Jolene, BORG Dorita, BORG Nichole', BORG Nicholine, BUGEJA Charmaine, BUTTIGIEG Dorianne, BUTTIGIEG Liliana, CAUCHI Charlene, CINI Corinne, CINI Marthese, DEBONO Stephanie, ELLIS Nyam, FARRUGIA Jessica, FARRUGIA Tara Marie, GAFA' Joselene, GRECH Samara, SALIBA Anthea, SALIBA Rose Marie, SCICLUNA Caroline, TABONE Christine, TABONE Marnese.

## Subien li rċivew il-Griżma ta' l-Isqof nhar il-Ħamis 2 ta' Mejju 2002



AGUIS Charlon, APAP Matthew, ATTARD Andrew, BORG Francis Joseph, BORG Matthew, BUGEJA Derek, CASSAR Christian, CUTAJAR Michael, DEBONO Christian, FARRUGIA Michael, FARRUGIA Oliver, GAUCI Kurt, GRECH Lukas, GRIMA Silvio, MERCIECA Ray Charles, MICALLEF David, PACE Christopher, SALIBA Joseph, SALIBA Oliver, SCHEMBRI Christian, SPITERI Marlon, THEUMA Joe Anthony, VELLA Warren, XERRI Branden.

## *ITTRA MINGĦAND TIFLA LI RCEVIET L-EWWEL TQARBINA*

*Għażiż Arċipriet,*

*Jiena Caroline Curmi, tifla ta' seba' snin li rċevejt l-ewwel tqarbina fit-30 ta' April 2002. Din kienet l-isbaħ ġurnata ta' ħajti. Iddeċidejt li nikteb ittra lill-Kappillani/Arċiprieti kollha t'Għawdex biex naqsam magħhom l-esperjenza tiegħi.*

*Jiena għandi oħti ta' tlett snin jisimha Stephanie. Il-ġenituri tagħna jkellmuna spiss fuq it-tfal tal-missjoni; tfal bħalna li m'għandhom xejn, lanqas x'jieklu. Jiena tgħidx kemm jiddispjaċini meta nisma' kemm hawn tfal batuti u nixtieq ngħinhom biex ikunu ferħanin bħali u bħal oħti.*

*Għal din l-okkażjoni ddubbajt ħafna rigali. Iżda ħsibt li issa jmiss lili li nagħti rigal lil Ġesù li għoġbu jiġl fija. Għalhekk iddeċidejt li r-rigal tiegħl lil Ġesù jkun li ngħin lil dawn it-tfal. Iċċaħħadt mis-souvenirs u l-flus li ffrankajna u parti mill-flus li ddubbjat bgħatthom lit-tfal tal-missjoni.*

*Jekk aktar tfal jiddeċiedu li jagħmlu bħali, ikun hemm aktar tfal fil-missjoni li jistgħu jixtru x'jieklu. Nitolbok tgħinni ngħin lil dawn it-tfal billi wara l-Preċett u l-Griżma ssir quddiesa sprċjali u t-tfal kollha joffru xi ħaġa minn dak li ddubbaw u dan ikun rigal speċjali minna t-tfal lil Ġesù. Jiena ktibt ukoll fil-gażżetta 'Junior News-fit-Times' ħalli tfal Maltin jitħajru joffru xi ħaġa huma wkoll.*

*Berikni w itlob għalija.*

Caroline Curmi

**JUM SAN ĠORĠ 2002**

# IL-PARROCCA TAGĦNA TIFRAĦ LIL MONS ISQOF CAUCHI U TITQIEGĦED L-EWWEL ĠEBLA TAL-KAPPELLA L-ĠDIDA



*Mons Isqof iqiegħed l-ewwel ġebla tal-Kappella.*

Nhar it-23 ta' April li għadda fraħna lkoll bil-festa liturġika ta' San Ġorġ Martri, Patrun ta' gziritna u Protettur ta' Beltna. Il-festi ta' din is-sena nistgħu ngħidu li ġew iċċelebrati fuq skala kemxejn akbar minn tas-soltu, kemm minħabba l-program sabiħ ta' attivitajiet reliġjuzi, kulturali u soċjali li ġew ippreparati, kif ukoll minħabba li f' dan il-jum għaziz sar it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Kappella l-ġdida tas-Sagrament li qed tinbena f'konnessjoni mal-bini u r-rinovament tal-kumpless Parrokkjali tal-Bazilika. Minbarra t-tifkira għaziza assoċjata ma dan il-jum, il-festa ta' din is-sena hija l-aħħar festa Liturġika ta' preparazzjoni qabel il-ftuħ uffiċċjali tal-festi Ċentenarji, propju f'April ta' l-2003.

Bħal ma sar f'dawn l-aħħar tlett snin l-istatwa devota u artistika ta' San Ġorġ, il-ġieh tal-Bazilika Ġorġjana, ġiet esposta fil-Knisja matul il-jiem tal-festa liturġika. Nhar 19, 20, u l-21 ta' April ġie iċċelebrat it-Tridu Solenni, b' Quddiesa kantata, Adorazzjoni u Barka Sagrametali. Attivita' kulturali li saret b'konnessjoni ma' dawn il-festi, b'kollaborazzjoni mal-*British Council* ,kien il-Kunċert Muzikali mill-*Edinburgh String Quartet* (Scotland). Minbarra li wieħed seta' japprezza l-livell impekkabbli ta' dawn il-muziċisti professjonali, li mhux l-ewwel darba li ġew ġewwa l-Bazilika, ħadna gost naraw ukoll kemm kunċerti bħal dawn qed jattiraw numru dejjem akbar ta' barranin li joqogħdu Malta lejn il-Bazilika ta' San Ġorġ. Nhar il-Ħadd, 21 ta April, saret l-ikla tradizzjonali ta' San Ġorġ, organizzata mill-*Ladies Society*.



*Mons Arċipriet jippreżenta rigal lil Mons Isqof fi tmiem il-Pontifikal.*

Lejlet is-Solennita Liturġika sar il-Kant ta' l-Għasar mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata, presedut mill-Vigarju tad-Djoċesi. Nhar is-Solennita' Liturġika fil-Knisja sar Quddies matul il-ġurnata kollha, kull siegħa, anke wara nofs in-nhar. Il-Quddies kollhu kien animat bil-kant u talb lil San Ġorġ u wara t-tqarbin sar il-bews tar-Relikwa. Fl' okkazjoni tal-festa, il-kumitat tal-Liturgija ppubblika mill-ġdid fuq fuljett il-Kurunella ta' San Ġorġ li ġiet irreċitata wara kull quddiesa' kif ukoll talb ieħor u l-Innu ta' l-Għasar. Matul il-ġurnata ma qata' xejn in-numru ta' nies mill-Belt Victoria u mir-irħula li daħlu fil-Knisja biex jisimgħu l-quddies u jitolbu quddiem l-istatwa ta' San Ġorġ. It-tfal ta' l-iskejjel Primarji tal-Belt Victoria ukoll ġew meħuda fil-Bazilika f' dan il-jum għaziz.

Fil-għaxija, saret iċ-ċelebbrazzjoni tat-tieni Għasar tas-Solennita mill-Kapitlu, bis-sehem ta' l-iSchola Cantorum Gregoriana. Fis-6.00pm saret il-Konċelebrazzjoni Pontifikali preseduta minn Mons. Isqof Nikol Cauchi, li din is-sena qed jiċċelebra għeluq il-50 sena ta' saċerdozju, flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru tal-Parroċċa. Waqt il-Pontifikal sar it-tqegħid solenni ta' l-ewwel ġebla tal-Kappella l-ġdida li ġiet iddedikata lill- Kurċifiss, l-Ewkaristija u l-Ħniena Divina.

Il-muzika kienet taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, *Maestro di*



*Il-parċmina tad-Dedikazzjoni tal-Kappella.*



Mons Salv Borg ipoġġi id-dokumenti fl-ewwel ġebla.



Dehra ġenerali waqt iċ-ċerimonja tat-tqegħed ta' l-ewwel ġebla.

*Cappella.* Wara l-Pontifikal il-Banda Ċittadina *La Stella* għamlet il-marċ tardizzjonali ta' Jum San Ġorġ minn Pjazza San Ġorġ sat-Teatru *Astra* fi Triq ir-Repubblika. Ir-Radju tal-Parroċċa, *Leħen il-Belt Victoria* (104 FM stereo) fl' okkazzjoni tal-Festa xandar skeda speċjali, bi programmi marbutin ma din il-festivita, fejn fost l-oħrajn ġie mxandar dirett il-Pontifikal u l-marċ tal-Banda. Il-Kor *Laudate Pueri* , kellu sehem importanti f'dawn il-festi. Ta' min isemmi wkoll lil kull min ta' sehemu fl'armar u fit-tindif ġewwa l-Knisja, l-*Għaqda Qniepen Ġorġjani*, l-*Għaqda tan-Nar San Ġorġ Martri* u l-*Għaqda Zgħazagħ La Stella* li lkoll taw is-sehem tagħhom b'risq il-festa.

*Michael Formosa*

# *Indirizz minn Mons Arċipriet fil-bidu tal-Pontifikal*

*Eċċellenza Reverendissima,*

*Din il-ġemgħa festiva, f'dan il-jum għażiż ta' San Ġorġ, trid trodd ħajr lil Alla għal tlieta mill-bosta doni li rċivejna minnu.*

*L-ewwelnett għad-don ta' l-Imqaddes Ġorġi li Alla għoġbu jżejjinna bil-misteru tiegħu ta' grazzja, ta' ħarsien u ta' eżempju ta' ħajja Nisranija.*

*Imbagħad għad-don ta' din il-Parroċċa li aħna, li ninsabu hawn miġbura, irċivejniha bħala għajn ta' grazzja.*

*Imma fuq kollox, illum, nixtieq").* nroddu ħajr għad-don tas-saċerdozju ministerjali li qatt ma naqqas li jwarrad fostna għall-qima t'Alla u għall-ġid spiritwali tal-poplu tiegħu.*

*Dawn it-tliet doni, illum, qed jidhru bi splendur mhux tas-soltu!*

*Għax id-don tas-saċerdozju llum qed jiddi fil-50 sena tiegħek ta' saċerdozju, u għalhekk miegħek, ir-ragħaj ewlieni tagħna fil-Knisja lokali u d-Dekan tal-Kolleġġjata tagħna, illum iridu nroddu ħajr lil Alla f'dan is-sagrifiċċju tal-quddiesa. U mhux biss inroddulu ħajr, imma wkoll nitolbu biex l-id tal-Providenza Divina tibqa' tgħin lill-Eccellenza Tiegħek b'kull ġid tas-sema.*

*Illum qed jiddi wkoll id-don tal-Parroċċa tagħna li tabilħaqq hi dejjem impenjata fil-mixja neċessarja ta' tiġdid u li, illum, bit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-kappella l-ġdida, qed tmidd pass ieħor importanti fl-aġġornament ta' l-istrutturi tagħna, mhux biss spiritwali u pastorali, imma wkoll infrastrutturali u fiżiċi, biex tkun mgħammra dejjem aħjar għall-ħtiġijiet pastorali, spiritwali, liturġiċi u kulturali tagħna u tal-ġenerazzjonijiet futuri. It-timbru karatterjali ta' din il-ħidma jidher fid-dedikazzjoni ta' din il-kappella f'ġieħ Sidna Ġesù Kristu nnifsu fil-misteru waħdani tas-Santissimu Kurċifiss, ta' Ewkaristija Mqaddsa u tal-Ħniena Divina.*

*F'dan il-kwadru ta' radd il-ħajr, illum, jum it-tifkira liturġika ta' San Ġorġ, ma jistax jonqos li jiddi għalina wkoll id-don li San Ġorġ hu għalina. San Ġorġ, aħna soltu ngħidu, hu "l-Patrun tagħna", imma, jiena ngħid, li din hi kelma wisq fqira biex tfisser il-misteru li San Ġorġ hu għalina. San Ġorġ, li fil-misteru tiegħu jixirfu l-imħabba tal-Missier, ir-rebħa ta' Kristu u l-qdusija ta' l-Ispirtu s-Santu, hu, il-pont ta' kuntatt tagħna ma' Alla, għax hekk għoġbu jagħmlu Alla għalina u hu wkoll ir-rabta ta' bejnietna.*

*Għalhekk illum, waqt li naqsmu fil-ferħ miegħek għall-50 sena tiegħek ta' saċerdozju, u waqt li nħossu r-radd il-ħajr tagħna għall-Parroċċa li għalina hi ta' ġid tant kbir, irridu nitolbu mill-ġdid l-interċessjoni ta' San Ġorġ, b'risq għalik, għażiż Missier tagħna, b'risq għas-saċerdoti u l-benefatturi tagħna, b'risq għall-Parroċċa u d-Djoċesi tagħna u b'xewqa li d-doni spiritwali li nirċievu mis-sema ngħarfu ngħożżuhom u nħarsuhom għalina u għall-ġenerazzjonijiet ta' wrajna.*



## KNISJA BLA BIBIEN U TWIEQI?

Darba dħalt ġo knisja ċkejkna
Mingħajr twieqi, bla bibien,
Ġewwa fiha kien isaltan
Baħħ u vojt ma kullimkien.

Lill-qassis fis mort staqsejtu
"Mela hawn m'hawnx ħallelin,
sabiex tħalli din il-knisja
bil-biebien hekk miftuħin?"

"Din il-knisja mhix dar tiegħi,
Hi d-dar t'Alla wisq ħanin,
Huwa jrid li jidħlu fiha
Il-fqajrin u l-imsejknin".

Kompla jgħidli l-qassis tajjeb,
"Bħal dil-knisja int trid tkun,
B'qalb li tħoss, dejjem miftuħa
Lesta tilqa' 'l min ikun."

Dal-kliem tiegħu daħal f'ruħi
U ppruvajt nagħmel li qal.
Ftaħt il-bieb ta' qalbi beraħ
Għal kulħadd lestejt rigal.

In-nies ġew u daħlu ġewwa,
Folol kbar mingħajt waqfien.
Min ried kelma, min għajnuna
Kelli nwassa l-bibien.

Iżda dan ma kienx biżżejjed,
Għax kien baqa' il-ħitan.
Spiċċajt biex waqqajthom kollha,
Qalbi pjazza u jien Sultan.

Issa l-ferħ kien keċċa l-biża'
Li kien żammni tant magħluq.
Bdejt inħobb u nafda 'l ħuti
Sirt ħabib ta' kull maħluq.

Ħabib, kisser il-katnazzi
Tal-beżgħat li qed jaħkmuk.
Iftaħ qalbek, afda 'l ħutek,
F'isem Kristu iberkuk.

***Mons. Salv Borg***

## *Ħsiebijiet Qosra*

Għax Ġesù twieled, inti tista' terġa' titwieled.
Għax Hu battal lilu nnifsu minn kollox minbarra l-imħabba, inti tista' timtela.
Għax Ġismu kien imfarrak, il-ħajja tiegħek tista' tkun sħiħa.
Għax Demmu kien imxerred, dnubietek huma maħfura.
Għax Hu qagħad għall-inġustizzja, inti tista' taħfer.
Għax Hu temm ix-xogħol ta' Missieru, ħajtek hija prezzjuża.
Għax Hu kien abbandunat, inti qatt m'inti waħdek.
Għax Hu kien midfun, tinti tista' terfa' rasek 'l fuq.
Għax Hu rxoxta, inti tista' tgħix.
Għax Hu jgħix, inti m'għandekx għalfejn tibża'.
Għax Hu ġie għandek, inti m'hemmx għalfejn issib triqtek għal għandu.
Għax Hu jwettaq dak li jwiegħed, inti jista' jkollok it-tama!



## KRISTU MA BEŻAX KIEN BNIEDEM KURAĠĠJUŻ

Ma beżax jgħid il-verita': "Iva..Jiena hu!"
Ma beżax jitlef il-popolarita': "Tridux tmorru intom ukoll?"
Ma beżax jikkritika lill-awtorita': "Oqbra mbajjda!"
Ma beżax ikun oriġinali: " Huma qalulkom..imma jien ngħdilkom..!"
Ma beżax jiffaċċja lix-xitan: "Qed ngħidlek ohroġ.."
Ma beżax jibqa' bil-ġuħ: "Issa għandi ikel iehor.."
Ma beżax juri dak li jħoss: "U Ġesù beka.."
Ma beżax juri il-qilla tiegħu: "Għamel sawt u keċċihom 'l barra mit-Tempju.."
Ma beżax jitlaq il-familja: "Min hi ommi, min huma ħuti?"
Ma beżax għall-fama tiegħu: "Jiekol mal-pubblikani u jixrob mal-midinbin.."
Ma beżax jumilja ruħu: "U ħaslilhom saqajhom.."
Ma beżax jobdi: "Mhux li rrid jien, iżda li trid int.."
Ma beżax jikkmanda: "U sikket ir-riħ u l-baħar.."
Ma beżax mill-mewt: "M'hemmx imħabba akbar minn din.."
Iva...Ġesù ħass il-biża...iżda ma ħalliehx tirbħu.

# Rokna għat-Tfal



Kif intom għeżież tfal! Nittama li tinsabu tajbin, iktar w iktar issa li ħafna minnkom ħlistu mill-eżami tal-Junior Lyceum. Veru li x-xorti tilgħab il-parti tagħha fl-eżamijiet, Iżda jekk wieħed ikun ħejja ruħu sewwa qabel bis-serjeta', jista' jserraħ moħħu li ismu se jkun fost dawk li jgħaddu meta r-riżultat jiġi mħabbar. Tafu daqsi x'jgħid il-qawl malti: 'Dak li tiżra' taħsad'. U dan jgħodd għal kwalunkwe test ieħor li jista''jkollok fil-ħajja. Mela minn qiegħ qalbi nawguralkom.

Intant, ħafna minnkom wkoll matul il-ġranet li għaddew irċevejtu l-Ewwel Tqarbina jew il-Griżma ta' l-Isqof. Dawn huma żewġ sagramenti mportanti ħafna fil-ħajja tan-nisrani l mportanti li nghożżuhom. Jiena cert li lkoll kemm intom se tagħmlu l-ħila tagħkom biex jekk jista' jkun ma tfallux tqarbina bla bżonn. Importanti li tkomplu tattendu l-lezzjonijiet tad-Duttrina li m'għandhomx jieqfu wara li tkunu rċevejtu l-Griżma ta' l-Isqof. Għandkom dejjem issibu ħin għal-lezzjonijiet ta' formazzjoni li torganiżżalkom il-parroċċa jew l-għaqdiet.

Sewwa nfakkarkom ukoll li bdew il-Ħamisijiet bi thejjija għall-festa ta' San Ġorġ. Bħala preparazzjoni għall-festa għandkom tagħlu ħilitkom biex matul dawn il-Ħamisijiet tattendu l-quddiesa ta' fil-għaxija li tkun tinkludi omelija qasira dwar il-qaddis patrun tagħna li rridu nħobbuħ bil-fatti u mhux bil-paroli.

Issa ninsabu resqin ukoll lejn tmiem is-sena ta' l-iskola. Dan m'għandux ifisser li għandkom twarrbu l-kotba. Dawn għandhom jibqgħu l-ikbar ħbieb tagħkom. Siegħa qari kuljum tagħmel ħafna tajjeb. Illum f'kull raħal issibu mnejn tisselfu kotba tajbin kemm bil-malti kif ukoll bl-ingliz.

U issa ngħaddu għall-kompetizzjoni li tista' trebbaħkom bix-xorti, ktieb bil-Malti, din id-darba ġentilment mogħti minn Dun Anton Sultana tal-Lumen Christi Publications, Media Center Victoria. Għandkom żmien **sal-Ġimgħa 28 ta' Ġunju** biex twieġbu dawn il-mistoqsijiet u tibgħatu t-tweġibiet tagħkom lill-**Editur, Il-Belt Victoria, Bażilika San Ġorġ, Victoria.**

***Il-mistoqsijiet huma dawn:***

1. Ikteb tlett iqwiel Maltin li ltqajt magħhom matul din is-sena.
2. X'kien jismu d-dramm mużikali li sar fl-Astra fil-11 ta' Mejju 2002?
3. F'liema raħal kellna il-festa titulari fis-26 ta' Mejju?
4. X'festa ser ikollna l-Ħadd 9 ta' Ġunju?

*Il-Kompetizzjoni tal-ħarġa Marzu-April 2002 intebħet bix-xorti minn : Kersten Grima, 50,Triq Alfons M. Hili, Victoria. Il-premju jinġabar mill-Uffiċju Parrokkjali.*

THE QUEEN'S GOLDEN JUBILEE 2002

**Is-Sibt 8 ta' Gunju 2002**
**fis-7.30pm**

**Kunċert fit-Teatru Astra**
*taħt il-patroċinju tal-*
British High Commission
**mill-Banda Ingliża "Eynsford Concert Band"**
fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb
tar-Reġina Elizabetta II

***Il-Kunċert se jsir b'risq l-Arka Respite Centre.***

## PELLEGRINAĠĠI GĦAS-SENA 2002

**RUMA FIRENZE ASSISI VENEZIA PADOVA RAVENNA**

***Bejn is-26 ta' Lulju u t-2 t'Awissu***

**LOURDES**

***Bejn il-5 u l-10 t'Awissu***

**Imexxi l-Gruppi Mons Salv Borg**
**Dettalji oħra mill-Uffiċċju Parrokkjali**

***TĦALLUX GĦALL-AĦĦAR IR-REKLAM TAGĦNA HUMA DAWK LI ĠEW MAGĦNA***

# IŻ-ŻEFFIENA ~ *Suċċess ieħor fit-Teatru Astra*



Nhar is-Sibt 11 ta' Mejju 2002, fuq il-palk tat-Teatru Astra, ġie ppreżentat id-dramm mużikali "Iż-Żeffiena". Dan huwa xogħol oriġinali għall-palk tad-dramaturgu Għawdxi, il-Kan Joe Mejlak.

Kull min ra dan id-dramm, ħareġ sodisfatt. Huwa biċċa xogħol tajba ferm ta' Mejlak, b'malti mirqum u mexxej, djalogi qosra, perfetti u diretti. Storja sempliċi, imżewqa u mħawwra bi żfin allegru u varjat.

L-atturi kollha wrew xi jsarrfu, b'mod speċjali Marija Schembri li kellha l-parti prinċipali taż-Żeffiena. Kienet fi klassi għaliha, kemm f'dak li hu reċtar, kif ukoll fiż-żfin li kellha. L-atturi l-oħra lkoll kienu f'posthom u tassew bravi għall-aħħar. Il-veterana attriċi Marija Zammit Borg did-darba rajniha f'parti serja u kompletament differenti minn kif is-soltu narawha f'kummiedji ta' Mons Salv borg u f'oħrajn. John Mercieca li ħadem il-parti ta' Juanito mar tajjeb ukoll. Franco Scicluna wera li huwa attur veteran li xejn ma jaħrablu. Martu, Cettina Scicluna wkoll kellha parti differenti minn tas-soltu u qalgħetha tajjeb ħafna. L-atturi l-oħra li ħadu sehem, Marion Zammit, Anton Said, Ġorġ Refalo u Godwin Azzopardi, lkoll kienu tajbin u qdew dmirhom tabilħaqq, bil-għaqal u l-galbu.

Iż-żewġ gruppi ta' żeffiena kienu perfetti u hawn ħaqqha prosit il-koreografa Għawdxija Gorgianne Cachia li b'dehen kbir għarfet tagħtina numri ta' żfin varjati preċiżi u sbieħ. Iż-żeffiena l-oħra, membri tat-Tanya Bayona Princess Poutitine Academy offrew spettaklu mħallat ta' żfin komtemporanju u żfin klassiku spanjol. Dan il-grupp, li kienu l-mistiedna speċjali tat-Teatru Astra, għamlu wirja ta' żfin eċċellenti.



"Iż-Żeffiena" kien imżewwaq b'xenografija oriġinali ta' Carmelo Zammit u shabu, fosthom Manwel Buhagiar u Anthony Xuereb, dwal ferm effettiv immexxi minn Peter Camilleri, Ivan Galea u Ġorġ Zammit, u fuq kollox kostumi kuluriti u milqutin ippreparati minn Ġorġ Farrugia, Manuel Grima u Doris Farrugia.

Tifħir speċjali jmur għad-Direttur Artistiku, il-bravu Manuel Grima, li b'għaqal kbir irnexxielu joħroġ biċċa xogħol verament tajba u perfetta għall-aħħar. L-ideat kienu effettivi u tajbin li għamlu mid-dramm ta' Mejlak biċċa xogħol għall-palk eċċellenti.

Is-sehem tal-Grupp Folkloristiku Astra kien tajjeb ukoll. Huma rnexxielhom jagħtu interpretazzjoni ta' l-għanja "Serenada Madrilena" b'mod tassew grazzjuz. Din kienet biċċa xogħol ukoll ta' l-awtur tad-dramm.

Tifħir u prosit kbir imur fl-aħħarnett għal dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw is-sehem tagħhom għas-suċċess totali tad-Dramm "Iż-Żeffiena".

A&M Printing Ltd. - Qala - 21 553217